



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

EUCO 13/18

CO EUR 16
CONCL 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 ta' Ottubru 2018) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

1. Il-Kunsill Ewropew ivvaluta l-istat ta' implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju u talab biex titkompla l-ħidma fuq l-elementi kollha bħala parti mill-approċċ komprensiv tiegħu għall-migrazzjoni. Filwaqt li n-numru ta' qsim illegali tal-fruntieri lejn l-UE identifikat tnaqqas b'95% mill-ogħla livell f'Ottubru 2015, xi flussi interni u flussi esterni reċenti jitolbu attenzjoni sostnuta.
2. Wara d-diskussjoni informali tal-Mexxejja f'Salzburg, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' aktar prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' orijini u ta' transitu, b'mod partikolari fl-Afrika ta' Fuq, bħala parti minn sħubija aktar wiesgħa.
3. Jeħtieġ li tissaħħaħ il-ġlied kontra n-netwerks li jiffaċilitaw id-dħul klandestin tal-bnedmin: għandha tiġi intensifikata l-ħidma ma' pajjiżi terzi fl-investigazzjoni, l-arrest u l-prosekuzzjoni tat-traffikanti u tal-faċilitaturi bil-ħsieb li jitwaqqfu n-nies milli jibdew vjaġġi perikolużi. Għandu jiġi stabbilit taskforce konġunt fiċ-Ċentru Ewropew tal-Europol kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. Il-komunikazzjonijiet online tan-netwerks li jiffaċilitaw id-dħul klandestin għandhom jiġu ssorveljati aħjar u jixxekklu. Il-Kunsill, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, huwa mistieden biex sa Diċembru jiżviluppa sett ta' miżuri komprensiv u operazzjonali għal dan l-għan.
4. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex, b'mod prijaritarju, jeżaminaw il-proposti reċenti tal-Kummissjoni rigward id-Direttiva dwar ir-Ritorn, l-Aġenzija għall-Asil u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, biex b'hekk jiġi żgurat l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi u jiġu żviluppati standards minimi komuni ta' sorveljanza tal-fruntiera esterna, bir-rispett dovut għar-responsabbiltà tal-Istati Membri.
5. Għandu jsir aktar biex jiġu ffaċilitati r-ritorni effettivi. Il-ftehimiet eżistenti dwar ir-riammissjoni għandhom jiġu implimentati aħjar, b'mod nondiskriminatorju għall-Istati Membri kollha, u għandhom jiġu konklużi ftehimiet u arranġamenti ġodda, filwaqt li tinħoloq u tintuża l-pressjoni meħtieġa permezz tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod kollha rilevanti tal-UE, inkluż l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viżi. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tiġi implimentata bis-sħiħ id-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

6. Il-Kanċillier Awstrijak irrapporta dwar ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u dwar il-prospetti għal progress fid-diversi elementi tagħha. Il-Kunsill Ewropew ħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill biex tkompli l-ħidma tagħha bil-ħsieb li tikkonkludiha mill-iktar fis possibbli.

II. SIGURTÀ INTERNA

7. Fis-snin reċenti, sar progress ġenwin biex tissaħħaħ is-sigurtà interna tagħna permezz ta' kooperazzjoni aħjar, miżuri konkreti fil-post, u l-adozzjoni ta' sensiela ta' testi legali, bħar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iżgurar ta' livell komuni għoli ta' sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni. Jeħtieġ li dawn jiġu implimentati għalkollox.
8. L-UE ser issaħħaħ aktar id-deterrenza u r-reżiljenza tagħha kontra t-theddid ibridu, ċibernetiku, kif ukoll kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN). Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu rigward l-attakk ta' Salisbury, il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakk ċibernetiku ostili mwettaq kontra l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). Tali theddid u attakki jsaħħu d-determinazzjoni komuni tagħna li nsaħħu aktar is-sigurtà interna tal-UE u l-abbiltà u l-kapaċitajiet tagħna li nidentifikaw, nipprevjenu, inxejku u nirreaġixxu għal kwalunkwe attività ostili tan-networks ta' intelligence barranin u atturi malizzjużi oħra fit-territorji tagħna kif ukoll online. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-reġim il-ġdid ta' miżuri restrittivi biex tiġi indirizzata t-theddida mill-armi kimiċi u jistenna b'interess progress bikri rigward il-lista ta' individwi u entitajiet rilevanti.
9. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal miżuri biex:
- jiġu miġġielda ċ-ċiberattivitajiet u attivitajiet oħra ffaċilitati miċ-ċibernetika li huma illegali u malizzjużi u biex tinbena ċibersigurtà b'saħħitha. Għandha titmexxa 'l quddiem il-ħidma fuq il-kapaċità ta' reazzjoni għaċ-ċiberattakki u ta' deterrenza għalihom permezz ta' miżuri restrittivi tal-UE, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ġunju 2017. Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE kontra ċiberattakki, in-negozjati rigward il-proposti kollha marbutin maċ-ċibersigurtà għandhom jiġu konklużi qabel tmiem il-leġislatura;

- jiġu protetti s-sistemi demokratiċi tal-Unjoni u tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, anke fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, b'rispett sħiġ tad-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward, il-miżuri proposti mill-Kummissjoni dwar in-networks ta' kooperazzjoni għall-elezzjonijiet, it-trasparenza online, il-protezzjoni kontra inċidenti marbuta maċ-ċibersigurtà, il-manipulazzjoni illegali tad-data u l-ġlieda kontra kampanji ta' diżinformazzjoni u l-issikkar tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej jistħoqqilhom li jiġu eżaminati malajr u li jingħataw segwitu operazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni ser tivvaluta l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni sa tmiem is-sena. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-Pjan ta' Azzjoni għal rispons koordinat tal-UE, li għandu jiġi ppreżentat sa Diċembru 2018, kif stipulat fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju;
- tissaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni u r-rispons effettiv għar-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, b'rispett sħiġ għad-drittijiet fundamentali. Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online għandha tiġi eżaminata bħala prijorità. Għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex jiġi żgurat aċċess transkonfinali rapidu u effiċjenti għall-evidenza elettronika sabiex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u kriminalità serja u organizzata oħra, kemm fl-UE kif ukoll fuq livell internazzjonali; sa tmiem il-leġislatura, jeħtieġ li jiġu miftehma l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-evidenza elettronika u l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja, kif ukoll dwar ġlieda aktar effikaċi kontra l-ħasil tal-flus. Il-Kummissjoni għandha wkoll tippreżenta b'urġenza mandati ta' negozjar għan-negozjati internazzjonali dwar l-evidenza elettronika. Għandha tiġi eżaminata l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jiġu estiżi l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex dawn ikopru reati kriminali terroristiċi transkonfinali;
- l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-Europol u l-Eurojust jingħataw ir-risorsi adegwati biex jiffaċċaw l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-iżviluppi teknoloġiċi u mill-evoluzzjoni tax-xenarju ta' theddid għas-sigurtà, inkluż permezz tal-ġbir komuni tat-tagħmir, sħubiji msaħħa mas-settur privat, kooperazzjoni bejn l-aġenziji u aċċess aħjar għad-data;

- tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u tal-bażijiet tad-data. Diġà sar ħafna progress fl-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, iżda għadhom meħtieġa aktar sforzi biex dawn isiru interoperabbli, b'mod partikolari permezz ta' repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. In-negozjati dwar proposti pendenti, inkluż dwar Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali msaħħa, għandhom jiġu konklużi sa tmiem is-sena u għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom bl-ogħla prijorità;
- tissaħħa il-kapaċità tagħna ta' maniġġar tal-kriżijiet u jissaħħa l-koerenza u l-effettività tal-mekkaniżmi tal-UE u dawk nazzjonali ta' rispons għall-kriżijiet. In-negozjati dwar il-proposta għal mekkaniżmu tal-UE għall-protezzjoni ċivili għandhom jiġu konklużi sal-aħħar tas-sena.

III. RELAZZJONIJIET ESTERNI

10. Il-Kunsil Ewropew iqis li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika huma ta' importanza kruċjali f'xenarju globali li qed jinbidel rapidament. Jeħtieġ li l-kooperazzjoni tagħna titpoġġa fuq livell għdid, sostnuta mir-riżorsi meħtieġa, inkluż permezz tal-Pjan ta' Investiment Estern Ewropew u l-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. Huwa jilqa' l-preżentazzjoni tal-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Alleanza għdida Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli u jappella biex jitmexxew 'il quddiem azzjonijiet, inkluż permezz ta' proposti konkreti għall-involviment tal-Istati Membri.
11. Wara d-diskussjoni informali tal-Mexxejja f'Salzburg, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ewwel summit li ser isir bejn it-28 Stat Membru tal-UE u l-Lega tal-Istati Għarab, ospitat mill-Eġittu fl-24 u l-25 ta' Frar 2019.
12. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kommessi bis-sħiħ lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-implimentazzjoni tagħha. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika d-Dokument ta' Riflessjoni tagħha fl-2018, li għandu jwitti t-triq għal strateġija komprensiva għall-implimentazzjoni fl-2019.

13. Il-Kunsill Ewropew ħa nota tar-rapport speċjali l-aktar reċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), li jikkonferma b'mod inekwivoku l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, inkluż il-konklużjonijiet tiegħu li jindikaw li t-tnaqqis globali tal-emissjonijiet fis-setturi kollha huma kruċjali u li jeħtieġ li tittieħed azzjoni ulterjuri dwar il-mitigazzjoni u l-adattament, b'mod partikolari biex tintlaħaq il-mira tat-temperatura kif stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi.
 14. Bil-ħsieb tal-COP24 li ser tinżamm fil-Polonja mit-2 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnejniet għal-laqgħat tal-UNFCCC f'Katowice u jagħti lill-Polonja l-appoġġ sħiħ tiegħu fl-organizzazzjoni tal-COP24. Din il-COP24 għandha twassal għall-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni ambizzjużi u komprensivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżitu tad-Djalogu ta' Talanoa għandu jkun impenn għall-Partijiet kollha biex jirriflettu fuq il-livelli ta' tagħhom ta' ambizzjoni u jinformaw it-tnejn tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs) tal-Partijiet kollha skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi.
-